MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 174/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid li jgib in-numru**

**567/2013 fl-ismijiet:**

**Fix Limited [C-10111]**

**vs**

**Joseph Demicoli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Joseph Demicoli fl-20 ta' Jannar 2014 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn ippremetta:

*"Illi dan il-Mandat ta' Qbid fl-ismijiet premessi, gie ebitament awtorizzat mill-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Marzu 2013 in segwitu ta' digriet moghti mill-istess Qorti diversament preseduta nhar it-8 ta' Jannar 2014 wara r-rikors bin-numru 326/13 MLF fl-atti tal-ittra 2656/12;*

*Illi id-digriet kien laqa' t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' intimata u ghalhekk ir-rikorrent issa qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li jitlob ghar-revoka contario imperio ta' dak id-digriet u dana permezz ta' avviz pprezentat quddiem il Qorti tal-Magistrati, kopja ta' liema huwa anness u markat bhala Dok A.*

*Illi, permezz ta' dan ir-rikors, ir-rikorrent Joseph Demicoli qieghed igib dan kollu a formali konjizjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex twaqqaf u tissospendi l-esekuzzjoni tal-mandat premess sal-finali determinazzjoni tat-talba kontenuta fl-avviz premess."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Mejju 2014 li a t tenur tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti tat-2 ta' Mejju 2014 u wara rikors ta' Joseph Demicoli tat-28 ta' Jannar 2014 eccepiet:

*"Illi preliminarjament jigi irrilevat illi ma hux minnu illi l-mandat ta' qbid numru 567/2013 gie debitament awtorizzat in segwitu ta' digriet moghti mill-istess Qorti kif diversament peeduta nhar it-8 ta' Jannar 2014 wara rikors bin-numru 326/13 MLF.*

*Illi l-fatt kif jidher car mid-dati rispettivi jidher car li l-mandat ta' qbid de quo gie awtorizzat ferm qabel ma inghata d-digriet tat-8 ta' Jannar 2014 u dan stante illi filwaqt li l-mandat ta' qbid de quo gie awtorizzat fil-hamsa (5) ta' Marzu tas-sena 2013, id-digriet inghata fit-8 ta' Jannar tas-sena 2014.*

*Illi in oltre jigi rrilevat illi l-mandat ta' qbid de quo m'ghandu xejn x'jaqsam mal-poroceduri imsemmija mir-rikorrenti Joseph Demicoli fir-rikors odjern u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

a. *Illi l-mandat de quo gie pprezentat kontestwalment ma' ittra ufficcjali ai termini ta' l-***Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12** *tal-ligijiet ta' Malta bin-numru 844/2013 u datata 5 ta' Marzu 2013 kopja ta' liema ittra giet annessa u mmarkata bhala Dok FL1.*

b. *Illi l-kambjali imsemmija f'din l-ittra ufficcjali bin-numru 844/2013 gew rezi esekuttivi stante li ebda rikors ma gie pprezentat fit-terminu impost mil-ligi u konsegwentement ma hemm ebda pendenzi, kawzi pendenti u/jew litigju iehor rigward dawn il-kambjali.*

c. *Illi l-procedura imsemmija mir-rikorrenti Joseph Demicoli tirrigwardja ittra ufficcjali ai termini ta' l-**Artikolu 253(e)** li giet prezentata fit-tlieta ta' Settembru 2013 u ghandha in-numru 2656/2013 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok FL2). Sussegwentement gie pprezentat rikors fuori termini fejn ir-rikorrent talab lil Onorabbli Qorti tiddikjara l-ittra bin-numru 2656/13 bhala irritwali, nulla u minghajr effett. Din l-Onorabbli Qori kif diversamet preseduta permezz ta' digriet datat 8 ta' Jannar 2014 (Dok FL 3) laqghat it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' esponenti u ddikjarat li l-proceduri istitwiti mir-rikorenti Joseph Demicoli huma perenti. Sussegwentement l-istess rikorrenti, nonostante li tali digriet ma hux wiehed appellabbli, intavola quddiem din l-Onorabbli Qorti kif preseduta talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevoka* contrario imperio *id-digriet tat-8 ta' Jannar 2014.*

d. *Illi konsegwentment kif jidher mis-suespost il-proceduri li hemm pendenti jirrigwardaw l-ittra ufficcjali bin-numru 2656/2013 liema ittra ufficcjali giet intavolata fit- 3 ta' Settembru 2013 u cioe' ferm wara li l-mandat ta' qbid de quo gie intavolat stante li l-mandat ta' qbid de quo gie akkordat fil-5 ta' Marzu 2013.*

*Illi konsegwentement gjaladarba il-mandat de quo m'ghandux x'jaqsam mal-proceduri li hemm pendenti, l-esekuzzjoni ta' l-istess mandat m'ghandiex tigi sospiza u/jew b'xi mod imwaqqfa.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti, s-socjeta' esponenti titlob illi tichad it-talba tar-rikorenti Joseph Demicoli bl-ispejjez.*

*Salv kull provvediment ieehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna."*

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta’ intimata fosthom l-Ittra Ufficcjai datata 5 ta’ Marzu 2013 immarkata bhala Dok FL1, Ittra Ufficjali datata 3 ta’ Settembru 2013 immarktata bhala Dok FL 2 u d-digriet ta’ din il-Qorti diversament prseduta fl-ismijiet premessi datat 8 ta’ Jannar 2014 mmarkat Dok FL3.

Rat in-nota tar-rikorrent kif ipprezentata fl-atti nhar il-21 ta’ Mejju 2014 li permezz taghha esebixxa kopja tar-rikors li biha tnieda is-smiegh ta’ procedura fl-atti ta’ l-ittra ufficcjali 2650/13 MF li giet immarkata bhala Dok A.

Rat dak li gie vverbalizzat mill-avukat difensur tar-rikorrent nhar il-21 ta’ Mejju 2014 u cioe’ li ma kienx ser iressaq provi in sostenn tat-talba tieghu u kien lest li jittratta.

Rat li din il-kawza kienet giet differita ghall-4 ta’ Gunju 2014 sabiex issir it-trattazzjoni izda dakinhar ir-rikorrent u l-avukat difensur tieghu ma dehrux u li ghalhekk illum dan ir-rikors huwa differit ghas-sentenza *in difetto ostakolo*.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qed igib a formali konjizzjoni il-fatt li huwa ipprezenta rikors quddiem din il-Qorti diversament preseduta fejn qed jitlob revoka *contrario imperio* ta’ digriet moghti minn din l-Qorti diversament preseduta u cioe’ nhar it-8 ta’ Jannar 2014 li a bazi tieghu allegatament

inhareg il-Mandat ta' Qbid numru 567/2013 u permezz ta' dan l-istess rikors qed jitlob lil din il-Qorti sabiex twaqqaf u tissospendi l-eskuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid numru 567/2013 sal-finali determinazzjoni tat-talba kontenuta fl-avviz premess.

Illi is-socjeta' intimata fir-risposta taghha in linea preliminari issostni li dak allegat mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu u cioe' li l-mandat ta' qbid fuq imsemmi numru 567/2013 hareg in segwitu ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta u cioe' nhar it-8 ta' Jannar 2014 mhux korrett ghaliex minn ezami tal-istess jirrizulta li dan hareg ferm qabel u cioe' nhar il-5 ta' Marzu 2013.

Is-socjeta' intimata tirrileva li l-mandat ta' qbid de quo fuq imsemmi numru 567/2013 gie prezentat kontestwalment mal-ittra ufficcjali numru 844/2013 ai termini ta' l-**artikolu 253 (e) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta u dana fil- 5 ta' Marzu 2013 kif jidher mid-dokument esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok FL1 u l-kambjali imsemmija f'din l-istess ittra ufficcjali 844/13, kopja taghhom jinsabu esebiti f'dawn l-atti, gew rezi esekuttivi u cioe' fl-ittra ufficjali 844/13 u mhux ma' dik l-imsemmija ittra ufficjali numru 2656/13 kif erronjament indikat mir-rikorrent stess fir-rikors promotur tieghu.

Minn ezami ta' din l-ittra ufficcjali numru 844/2013 jidher li r-rikorrent kien gie notifikat biha fit-12 ta' Marzu 2013 u ma kienipprezenta l-ebda nota fl-atti taghha sabiex jirregistra l-opposizzjoni tieghu ghall-istess.

Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti fl-atti u appuntu l-ittra ufficcjali numru 2656/2013, jidher li din gietipprezentata fir-registru tal-Qorti fit-3 ta' Settembru 2013 u notifikata lir-rikorrent fis-6 ta' Settembru 2013 filwaqt li Joseph Demicoli, qua rikorrent, ipprezenta rikors nhar l-1 ta' Ottubru 2013 fejn iddikjara illi ufficcjali 2650/2013 hija irritwa u nulla u ghalhekk stqarr li l-ebda titolu ezekuttiv ma jista' jigi promulgat a bazi tal-kambjala riferenzjata f'dik l-ittra (Dok A fol. 32).

Il-Qorti tirrileva illi fl-ewwel Joseph Demicoli ma pprezenta l-ebda risposta ghall-ittra ufficjali tat-3 ta' Settembru 2013 tas-socjeta' Fix Limited u ghalhekk m'hemmx dubju illi tali ittra ufficjali llum hija reza ezekuttiva. Inoltre, fir-rikors illi huwa pprezenta, imsemmi aktar 'l fuq bhala Dok A, Joseph Demicoli jaghmel referenza ghal ittra ufficjali li ggib in-numru 2650/13 datat 3 ta' Settembru 2013 u minn ezami tal-atti tal-process jirrizulta illi l-ittra ufficjali li giet ipprezentata mis-socjeta' Fix Limited fit-3 ta' Settembru 2013 iggib in-numru 2656/13, u ghalhekk anke tali talba fir-rikors Dok A hija zbaljata.

Illi l-Qorti tinnota illi t-talba fir-rikors promotur tar-rikorrent Joseph Demicoli ipprezentat fl-20 ta' Jannar 2014 m'hijiex bazata fuq ebda disposizzjoni tal-ligi li ssahhah it-talba tieghu u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, hija sejra tichad l-istess talba.

**Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti qieghda tichad it-talba tar-rikorrent kif kontenuta fir-rikors promotur tieghu fuq indikat u dan ghar-ragunijiet imsemmija fir-risposta tas-socjeta' intimata u dan bi spejjez ghall-istess rikorrent.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------